31995D0380

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Settembru 1995

li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/432/KE, 94/433/KE u 94/434/KE li jniżżlu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE fuq l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq fuq il-produzzjoni tal-majjali, 93/24/KEE dwar l-istħarriġ statistiku li għand jitwettaq fuq il-produzzjoni ta' annimali bovini u 93/25/KEE l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq fuq il-ħażniet tan-nagħaġ u tal-mogħoż

(Test b'rilevanza għall- Ftehim EE)

(95/380/KE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq fuq il-produzzjoni tal-majjali [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 1(3) u 6 (3) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/24/KEE tal-1 ta' Ġunju 1993 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq fuq il-produzzjoni ta' annimali bovini, [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 1(3) u 6 (3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/25/KEE tal-1 ta' Ġunju 1993, dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq fuq il-ħażniet tan-nagħaġ u tal-mogħoż, [3] u b'mod partikolari l-Artikoli 1(4) u 7 (2) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/432/KE tat-30 ta' Mejju 1994 li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE fuq imsemmija [4] fir-rigward ta' l-istħarriġ statistiku fuq il-popolazzjoni u l-produzzjoni tal-majjali,

Wara li kunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/433/KE tat-30 ta' Mejju 1994 li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/24/KEE fuq imsemmija [5] fir-rigward ta' l-istħarriġ statistiku fuq il-popolazzjoni u l-produzzjoni tal-bhejjem, u li temenda l-imsemmija Direttiva,

Wara li kunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/434/KE tat-30 ta' Mejju 1994 li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/25/KEE fuq imsemmija [6] fir-rigward ta' l-istħarriġ statistiku fuq il-popolazzjoni u l-produzzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż,

Billi minħabba l-adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja huwa meħtieġ li jsiru ċerti adattamenti tekniċi lid-Deċiżjonijiet fuq imsemmija u li jiġu estiżi ċerti derogi lill-Istati Membri l-ġodda;

Billi id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet fuq imsemmija jipprovdu għall-possibbiltà, illi fil-każ illi l-popolazzjoni tal-ħnieżer, ta' l-annimali bovini u tal-mogħoż ta' xi Stati Membri tikkostitwixxi biss perċentwal żgħir tal-popolazzjonijiet totali tal-Komunità, li jingħataw derogi immirati sabiex inaqqsu n-numru ta' stħarriġ annwali li għandu jitwettaq;

Billi l-miżuri previsti huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE [7],

[1] ĠU L 149, 21.6.1993, p. 1.
[2] ĠU L 149, 21.6.1993, p. 5.
[3] ĠU L 149, 21.6.1993, p. 10.
[4] ĠU L 179, 13.7.1994, p. 22.
[5] ĠU L 179, 13.7.1994, p. 27.
[6] ĠU L 179, 13.7.1994, p. 33.
[7] ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 94/432/KE li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 93/23/KEE għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Anness I għandu jkun supplementat bit-test li ġej:

"l-Awstrija:	Bundeslaender
il-Finlandja:	Etelae-Suomi
	Sisae-Suomi
	Pohjanmaa
	Pohjois-Suomi
l- Isvezja:	8 Riksomraaden"

2. L-Anness II, it-test tan-noti fl-aħħar tal-paġna (a) u (b) għandhom jkun emendat sabiex jaqra:
   "a) Rendikont mhux obbligatorju għal NL, DK, S.
   b) Rendikont mhux obbligatorju għal P, L, GR, S."
3. L-Anness IV (b) għandu jkun supplementat bit-test li ġej:
   "il-Finlandja
   l-Isvezja.".
4. L-Anness IV (e) għandu jkun supplementat bit-test li ġej taħt l-intestatura 'x-xahar partikolari tas-sena':
   "l-Isvezja, Ġunju".

L-Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 94/433/KE li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 93/24/KEE għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Anness II għandu jkun supplementat kif ġej:

"l-Awstrija:	Bundeslaender
il-Finlandja:	Etelae-Suomi
	Sisae-Suomi
	Pohjanmaa
	Pohjois-Suomi
l-Isvezja:	8 Riksomraaden"

2. L-Anness III, it-test tan-noti fl-aħħar tal-paġna (a), (b) u (ċ) għandu jkun emendat sabiex jaqra:
   "a) Rendikont mhux obbligatorju għal NL, DK, S.
   b) Rendikont mhux obbligatorju għal P, L, GR, S.
   c) Rendikont mhux obbligatorju għal P, L, GR, F, S."
3. L-Anness V, it-test tan-nota fl-aħħar tal-paġna (d) għandu jkun supplimentat bit-test li ġej:
   "L-Isvezja".
4. L-Anness V, it-test tan-nota fl-aħħar tal-paġna (e) għandu jkun supplementat bit-test li ġej taħt l-intestatura 'Mejju/Ġunju':
   "L-Isvezja".

L-Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 94/434/KE li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 93/25/KEE għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Anness II għandu jkun supplementat kif ġej:

"l-Awstrija:	Bundeslaender
il-Finlandja:	Etelae-Suomi
	Sisae-Suomi
	Pohjanmaa
	Pohjois-Suomi
l-Isvezja:	— għan-nagħaġ: 8 Riksomraaden
	— għall-mogħoż: -"

2. L-Anness III, it-Tabella 1, it-test tan-noti fl-aħħar tal-paġna (a), (b) u (ċ) għandu jkun emendat sabiex jaqra:
   "a) Rendikont mhux obbligatorju għal L, B, DK, S.
   b) Mhux obbligatorju D, NL, S.
   c) Mhux obbligatorju għal B, D, IRL, NL, A, FIN, S, UK."
3. L-Anness III, it-Tabella 2, it-test tan-noti fl-aħħar tal-paġna (a) u (ċ) għandu jkun emendat sabiex jaqra:
   "a) D, L, B, UK, IRL, S.
   c) D, NL, S."

L-Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fit-18 ta' Settembru 1995.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni